



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 105/26

Il-Lussemburgu, 16 ta' Lulju 2026

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-280/25 | [Lin II] ¹

Il-ġlieda kontra l-frodi gravi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea: il-Qorti tal-Ġustizzja tispjega għaliex is-sentenza Lin ² la kisret il-prinċipju ta' legalità f'materji kriminali ³ u lanqas l-istandard nazzjonali ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali li jipprojbixxi lill-qorti milli tgħaqqad diversi dispożizzjonijiet sabiex tistabbilixxi regoli ta' preskrizzjoni f'dawn il-materji ⁴

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja tagħmel ukoll preċiżazzjonijiet dwar x'għandu jinftehem bi frodi "gravi" tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

Is-sentenza Lin tal-24 ta' Lulju 2023 kienet tikkonċerna diversi ċittadini Rumeni kkundannati għal pieni ta' prigionerija għal frodi fiskali. Dawn kienu kkontestaw il-kundanna tagħhom, billi sostnew li, skont l-istandard nazzjonali ta' protezzjoni dwar l-applikazzjoni retroattiva tal-liġi kriminali l-inqas severa (*lex mitior*), ir-responsabbiltà kriminali tagħhom kienet preskritta ⁵. Dawn iċ-ċittadini Rumeni kienu bbażaw ruħhom, minn naħa, fuq żewġ sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali Rumena mogħtija fl-2018 u fl-2022. Dawn is-sentenzi kienu invalidaw dispożizzjoni nazzjonali ⁶ li tirregola r-raġunijiet għall-interruzzjoni ⁷ tat-terminu ta' preskrizzjoni f'materji kriminali, b'tali mod li, matul perijodu ta' kważi erba' snin, id-dritt Rumani ma kien jipprevedi ebda raġuni għall-interruzzjoni ta' dan it-terminu. L-imsemmija ċittadini kienu bbażaw ruħhom, min-naħa l-oħra, fuq deċiżjoni tal-2022 tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja Rumena (QGħKĠ) li ddeċidiet li din l-assenza ta' kawża ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni kienet tapplika wkoll għar-reati mwettqa bejn l-2014 (il-mument tal-adozzjoni tad-dispożizzjoni antikostituzzjonali) u l-2018 (id-data tal-adozzjoni tal-ewwel sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali), skont il-prinċipju tal-applikazzjoni retroattiva tal-*lex mitior* ⁸. Il-Qorti tal-Ġustizzja kienet ġiet mistoqsija, essenzjalment, dwar il-konformità ta' dawn id-diversi sentenzi mogħtija minn qorti Rumeni mad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet intiżi għall-ġlieda effettiva kontra l-frodi li tippreġudika l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Fis-sentenza Lin, hija fakkret li l-Istati għandhom jiżguraw li r-regoli ta' preskrizzjoni previsti mid-dritt nazzjonali jippermettu repressjoni effettiva tar-reati marbuta ma' frodi li jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea, bl-għan li jiġi evitat riskju sistemiku ta' impunità ta' tali reati. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-qorti Rumeni ma għandhomx japplikaw l-istandard nazzjonali ta' protezzjoni relatat mal-*lex mitior*, kif stabbilit fid-deċiżjoni tal-2022 tal-QGħKĠ. B'kuntrast, hija kkonstatat il-konformità mad-dritt tal-Unjoni tas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali Rumena mogħtija fl-2018 u fl-2022, peress li dawn kienu jimplimentaw il-prinċipju ta' legalità f'materji kriminali u kienu jinvolvu riskju sistemiku ta' impunità b'portata iktar baxxa mill-applikazzjoni tal-istandard nazzjonali ta' protezzjoni tal-*lex mitior* stabbilit mid-deċiżjoni tal-2022 tal-QGħKĠ. Wara s-sentenza Lin, il-QGħKĠ madankollu ddeċidiet, fl-2024, li l-qorti Rumeni ma setgħux ma japplikawx id-deċiżjoni tagħha tal-2022 mingħajr ma jippreġudikaw il-prinċipji ta' legalità f'materji kriminali u ta' projbizzjoni tal-*lex tertia*. Fis-sentenza tagħha Lin II mogħtija illum, il-Qorti tal-Ġustizzja essenzjalment tikkonstata li dan l-approċċ tal-QGħKĠ ma huwiex konformi mad-dritt tal-Unjoni.

Fil-kawża Lin II, l-amministratur ta' żewġ kumpanniji kummerċjali ħareġ fatturi fiskali fittizji sabiex it-[tiolet](#) kumpannija tkun tista' tnaqqas il-bażi taxxabbli tagħha. Id-dannu kkawżat lill-baġit tal-Istat Rumani jammonta għal 268 536 leu Rumani (RON) (madwar EUR 59 304), filwaqt li l-ammont tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) evaż jilħaq RON 163 656 (madwar

EUR 36 142), u b'hekk jippreġudika l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

Madankollu, minkejja li kien ġie akkużat b'kompliċità fil-frodi fiskali, dan l-amministratur evita kwalunkwe kundanna. Fil-fatt, l-iskadenza tat-terminu ta' preskrizzjoni għar-responsabbiltà kriminali tiegħu ġiet ikkonstatata fl-ewwel istanza u sussegwentement ikkonfermata, fil-21 ta' Marzu 2024, mill-Qorti tal-Appell ta' Oradea (ir-Rumanija). Fid-9 ta' April 2024, l-Uffiċċju tal-Prosekutur tal-Qorti tal-Appell ta' Oradea kkontesta din l-aħħar sentenza quddiem il-QGħKĠ billi qies li l-qorti tal-appell kienet b'mod żbaljat temmet il-proċeduri kriminali billi applikat l-istandard nazzjonali ta' protezzjoni relatat mal-*lex mitior*, kif stabbilit mid-deċiżjoni tal-2022 tal-QGħKĠ u, għaldaqstant, mingħajr ma ħadet inkunsiderazzjoni s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Lin. Peress li kellha dubji dwar kif il-qrati Rumani applikaw is-sentenza Lin, il-QGħKĠ ressqet talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Hija tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja wkoll dwar l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' frodi "gravi" fid-dritt tal-Unjoni.

Fis-sentenza tagħha tal-lum, li tikkostitwixxi s-segwitu tas-sentenza Lin, il-Qorti tal-Ġustizzja, fl-ewwel lok, **tippreċiża l-kunċett ta' frodi "gravi" li tippreġudika l-interessi finanzjarji tal-Unjoni**. Hija ddeċidiet għalhekk li, meta l-ebda dispożizzjoni nazzjonali ma tiffissa l-limitu li minnu frodi li tippreġudika l-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandha titqies bħala "gravi", il-frodi għandha tiġi awtomatikament ikklassifikata bħala "gravi", fis-sens tal-Konvenzjoni PIF⁹, hekk kif l-ammont totali tagħha jaqbeż EUR 50 000, indipendentement mill-fatt jekk id-dannu realment imġarrab mill-baġit tal-Unjoni jkunx inqas minn dan l-istess limitu jew le.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza **li hija bl-ebda mod ma ddeċidiet, fis-sentenza Lin, li l-istandard nazzjonali ta' protezzjoni dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' *lex mitior*, kif previst fid-dritt Rumani, u li jmur lil hinn mill-garanziji previsti fil-qasam mill-Artikolu 49 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, jikser, bħala prinċipju, id-dritt tal-Unjoni**. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja sempliċement iddeċidiet li d-dritt tal-Unjoni jipprekludi li **dan l-istandard nazzjonali ta' protezzjoni, kif stabbilit fid-deċiżjoni tal-2022 tal-QGħKĠ, jiġi applikat mill-qrati Rumani għal każijiet ta' frodi serja li tippreġudika l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Dan kien iġġustifikat mill-fatt li tali applikazzjoni żżid b'mod kunsiderevoli r-riskju sistemiku ta' impunità** għal tali frodi li jirriżulta diġà mis-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali tal-2018 u tal-2022, li jimplika l-assenza ta' kwalunkwe kawża ta' interruzzjoni tat-termini ta' preskrizzjoni f'materji kriminali għal kważi erba' snin.

Fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li s-soluzzjoni adottata **fis-sentenza Lin ma timponix fuq il-qrati Rumani l-obbligu li jingħaqdu diversi dispożizzjonijiet suċċessivi** bl-għan li tinholq, ġudizzjarjament, sistema tal-metodu ta' kalkolu tat-terminu ta' preskrizzjoni għar-responsabbiltà kriminali. Is-sentenza Lin għalhekk ma timponix fuq dawn il-qrati l-obbligu li jiksru l-istandard nazzjonali ta' protezzjoni dwar il-projbizzjoni tal-applikazzjoni ta' *lex tertia*.

Fir-raba' lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li s-soluzzjoni adottata fis-sentenza Lin **lanqas ma tikser il-prinċipju ta' legalità tar-reati u tal-pieni kif stabbilit fl-Artikolu 49 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u fl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem**. Fil-fatt, il-projbizzjoni imposta f'dik is-sentenza fuq il-qrati Rumani milli japplikaw id-deċiżjoni tal-2022 tal-QGħKĠ hija estensjoni ta' ġurisprudenza kkonsolidata tal-Qorti tal-Ġustizzja u għalhekk kienet ta' natura prevedibbli. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tinsisti fuq il-fatt li, fis-sentenza Lin tagħha, hija stess ikkonstatat li dik id-deċiżjoni tal-2022 kienet toħloq riskju sistemiku ta' impunità għall-frodi gravi li jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Għalhekk, ma tista' tiġi identifikata l-ebda inċertezza f'dan il-qasam, peress li l-qrati Rumani huma obbligati, konformement mas-sentenza Lin, li jqisu tali riskju bħala stabbilit.

Fil-ħames lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża li, fid-dawl tal-importanza li għandu l-prinċipju ta' **awtorità ta' *res judicata* fid-dritt tal-Unjoni**, dan id-dritt ma jimponix li jiġu kkontestati d-deċiżjonijiet li għandhom l-awtorità ta' *res judicata* li kkonstataw, billi applikaw id-deċiżjoni tal-2022 tal-QGħKĠ, il-preskrizzjoni tar-responsabbiltà kriminali għal frodi gravi li jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Madankollu, deċiżjoni li hija s-suġġett ta' appell ta' kassazzjoni ma tistax, bħala prinċipju, titqies bħala deċiżjoni li għandha l-awtorità ta' *res judicata*.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti lill-qrati tal-Istati Membri, fil-kuntest ta' tilwima li jkollhom quddiemhom, jagħmlu lill-Qorti tal-Ġustizzja domandi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax it-tilwima fil-proċedura nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tagħti

soluzzjoni għall-kawża li jkollha quddiemha konformement mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li jkunu aditi bi problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u fejn applikabbli, is-sunt](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-ġhoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ L-isem ta' din il-kawża huwa fittizju. Dan l-isem ma jikkorrispondi għall-isem reali ta' ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura.

² Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Lulju 2023 fil-kawża Lin, [C-107/23 PPU](#) (ara wkoll l-istqarrija għall-istampa Nru [129/23](#)).

³ L-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, intitolat "Ebda piena mingħajr liġi", huwa bbażat fuq il-prinċipji ta' legalità u ta' nuqqas ta' retroattività f'materji kriminali. Huwa jistipula li ħadd ma jista' jiġi kkundannat għal att jew ommissjoni li, fil-mument li saru, ma kinux jikkostitwixxu reat skont id-dritt nazzjonali jew internazzjonali. Bl-istess mod, ma tistax tiġi imposta piena iktar severa minn dik applikabbli fil-mument tar-reat. Din id-dispożizzjoni tippoteġi lill-individwi minn prosekuzzjoni arbitrarja u tikkostitwixxi element fundamentali tal-Istat tad-dritt.

⁴ Bis-saħħa ta' dan il-prinċipju kostituzzjonali, il-qrati Rumeni huma, b'mod partikolari, ipprojbiti milli japplikaw parzjalment leġiżlazzjonijiet kriminali suċċessivi billi jingħaqdu ċerti dispożizzjonijiet tagħhom, inklużi dawk id-dispożizzjonijiet relatati mal-metodu ta' kalkolu tat-terminu ta' preskrizzjoni għar-responsabbiltà kriminali. Il-prinċipju ta' *lex mitior*, kif interpretat mill-Qorti Kostituzzjonali Rumena, jimplika li, fil-każ ta' sistemi legali suċċessivi, għandha tiġi magħżula u applikata l-liġi li, b'mod ġenerali, tiggarantixxi lill-persuna akkużata l-benefiċċju ta' sitwazzjoni iktar favorevoli, mingħajr madankollu ma jkun permess li jingħaqdu d-dispożizzjonijiet favorevoli ta' liġijiet suċċessivi u b'hekk tinħoloq, ġudizzjarjament, sistema ibrida (*lex tertia*).

⁵ Mekkaniżmu li bih il-mogħdija taż-żmien iħassar id-dritt li jitressqu proċeduri ġudizzjarji. Fi kliem ieħor, jekk l-awtoritajiet ma jkunux fetħu proċeduri f'ċertu terminu, huma jitilfu b'mod permanenti d-dritt li jagħmlu hekk.

⁶ L-inkostituzzjonalità kienet tikkonċerna l-Artikolu 155(1) tal-Kodiċi Kriminali tal-2009, peress li din id-dispożizzjoni kienet tikser il-prinċipju kostituzzjonali ta' preċiżjoni u ta' prevedibbiltà tal-liġi kriminali billi tippermetti li atti proċedurali jinterrompu t-terminu ta' preskrizzjoni għar-responsabbiltà kriminali minkejja li dawn l-atti ma kinux ġew ikkomunikati lill-persuna ssuspettata jew lill-persuna akkużata.

⁷ Jiġifieri l-atti proċedurali jew is-sentenzi li jinterrompu t-terminu ta' preskrizzjoni għar-responsabbiltà kriminali.

⁸ Deċiżjoni Nru 67/2022 tal-QGħKĠ.

⁹ Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Interessi Finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej, iffirmata fi Brussell fis-26 ta' Lulju 1995.